# Il-Proċess tal-Let Me Learn

## Niskopru Kif Nitgħallmu



Ċentru Let Me Learn Malta


“Qatt tinsew li aħna differenti daqs il-kuluri ta’ sbieħ il-jum u huma dawn id-differenzi li jagħmluna dak li aħna… individwi Uniċi u Speċjali!”
Karen Kostyla

# Ejjew niltaqgħu ma'



Mario



Christine



Sandra



Karl






Mario, Karl, Sandra u Christine qed jaħdmu flimkien fuq proġett tax-Xjenza.

Il-proġett hu dwar it-tkabbir u t-tnissil tal-pjanti.

Jinvolvi:
- esperiment,
- rapport miktub,
- preżentazzjoni verbali.






"Qabelxejn, jaqblilna nagħżlu topik u niffukaw biss fuqu. Imbagħad nippjanaw kif se nqassmu x-xogħol bejnietna.

Għandna bżonn inħejju żewġ listi: waħda dwar x'neħtieġu nagħmlu u l-oħra tal-affarijiet li rridu nieħdu magħna jew nixtru.

Tridux induru l-listi ħalli naraw jekk ħallejtx xi ħaġa barra?

Jekk se nħawlu ż-żrieragħ u l-basal, naraw min imissu biex jieħu ħsieb iżomm il-post fejn se naħdmu nadif u l-għodod li se nużaw organizzati u merfugħin f'posthom.

Infasslu wkoll pjan ta' ħidma biex inlestu xogħolna fil-ħin."

“Jien dħalt fl-internet biex infittex xi informazzjoni. Saħansitra ssellift xi kotba mil-librerija. Nistgħu nieħdu ktieb kull wieħed u naqrawh qabel ma nerġgħu niltaqgħu.

Nistgħu nirriċerkaw u niktbu dwar l-effetti li jinfluwenzaw it-tkabbir tal-pjanti, id-differenza li tgħaddi bejn it-tkabbir tal-pjanti miż-żerriegħa, tħawwil ta’ basal jew tnissil, inkella niktbu rapport dettaljat dwar l-Effett tas-Serra.

Kontu tafu li werqiet kbar jgħinu biex il-proċess tal-fotosintesi jseħħ aktar?

Nista’ ngħinkom tieħdu n-noti dwar xi osservazzjonijiet marbutin mal-esperiment li se nagħmlu. Faċli għalija nikteb rapport fit-tul. L-għalliema tatna xi limitu ta’ kliem?”






"Jeħtieġilna nibnu xi serra żgħira bħala lqugħ għall-pjanti tagħna? Jekk iva, għandi l-materjal u l-għodod neċessarji. Nibniha f'radda ta' salib!

Jekk jinqalgħu xi intoppi, malajr ngħinkom issolvuhom. Tajjeb li tkun prattiku!

Xi drabi nitlobkom tħalluni naħdem għal rasi. Ngħidilkom xi nkun għamilt wara."




"Sħabna tal-klassi kollha se jagħmlu esperiment u jiktbu rapport! Tridux nagħmlu xi ħaġa differenti?

Il-preżentazzjoni tagħna teħtieġ li tkun oriġinali! Ejjew noħorġu b'ideat dwar x'nistgħu nagħmlu quddiem il-klassi!

Ġietni idea brillanti! Għalfejn ma nirriċiklawx xi materjali naturali u noħolqu kostumi floreali? Nivvintaw reċta dwar it-tkabbir tal-pjanti u l-fjuri!"





Mario




**Aħna lkoll nitgħallmu b'modi differenti; skont it-tifsiliet ta' tagħlim tagħna.**




Karl



L-erba' tifsiliet ta' tagħlim tagħna...




...jinteraġixxu u jinfluwenzaw lil xulxin il-ħin kollu

# Sekwenza

## organizzazzjoni u konsistenza




L-individwu jkun jeħtieġ:

- **direzzjonijiet ċari mogħtijin pass, pass flimkien ma’ eżempji**
- **pjan, listi u skemi ta’ xogħol**
- **ħin biex ilesti xogħlu kif ippjanat u jipprattika**
- **organizzazzjoni u pulitizza**



…ejjew niffukaw fuq topik…

…inżommu l-post fejn se naħdmu nadif u l-għodod li se nużaw organizzati u merfugħin f'posthom.

…nippjanaw kif se nqassmu x-xogħol bejnietna…

Infasslu pjan ta' ħidma biex inlestu xogħolna fil-ħin.

…inħejju żewġ listi…

**L-ogħla skor ta' Mario hu fis-Sekwenza.**

# Jekk is-Sekwenza tkun ‘Użata l-Ewwel’...

... xi drabi l-individwu:

- **jitlef wisq ħin jipprova jifhem x’inhu mitlub minnu tant li jħalli ftit ħin għat-tlestija tax-xogħol**
- **ma jirnexxilux jibda jaħdem jekk ma jkollux pjan**
- **jsib diffikultà jitlaq mill-pjan li fassal biex jesperimenta b’ideat ġodda jew jaħdem fuq xogħol ieħor**
- **jsib diffikultà jlesti xogħlu f’ħin preskritt**



# Preċiżjoni

## informazzjoni dettaljata u eżatta



L-individwu jkun jeħtieġ:

- **informazzjoni eżatta u dettaljata**
- **opportunitajiet biex jistaqsi l-mistoqsijiet**
- **opportunitajiet biex jikteb u jispjega fit-tul**
- **ħin biex jiċċekkja xogħlu għal xi żbalji jew informazzjoni nieqsa**

...dħalt fl-internet biex infittex xi informazzjoni…

Kontu tafu li...?

…[i]ssellift xi kotba…

Nista' nosserva u nieħu n-noti…



Nirriċerkaw u niktbu rapport dettaljat…

Nista' ngħinkom tiktbu fit-tul… sakemm m'għandniex limitu impost!

**L-ogħla skor ta' Karl hu fil-Preċiżjoni.**

# Jekk il-Preċiżjoni tkun ‘Użata l-Ewwel’...

## ...xi drabi l-individwu:

- **jitlef wisq ħin ifittex għal u jivverifika l-informazzjoni**
- **ma jħossx li għandu tagħrif biżżejjed biex ilesti x-xogħol mistenni fl-aħjar mod mixtieq minnu**
- **jinkwieta żżejjed dwar jekk tax tweġibiet mill-aktar sodisfaċenti għall-mistoqsijiet li kellu**
- **jintilef fid-dettalji u ma jagħtix kas tal-punti ewlenin**



# Teknika

**rilevanza, snajja', taħbil il-moħħ u awtonomija**



L-individwu jkun jeħtieġ:

- **tagħlim marbut mal-esperjenzi tal-ħajja u li jista' jiġi applikat**
- **opportunitajiet għal ħidma li ssir bl-idejn u l-użu ta' għodod**
- **attivitajiet li jinvolvu t-taħbil tal-moħħ u s-sejbien ta' soluzzjonijiet prattiċi**
- **opportunitajiet fejn jaħdem waħdu**

Ninqala’ għax-xogħol tal-idejn.

Nibniha f’radda ta’ salib.



Għandi l-materjal u l-għodod neċessarji.

Nippreferi naħdem għal rasi.

**L-ogħla skor ta’ Sandra hu fit-Teknika.**

# Jekk it-Teknika tkun 'Użata l-Ewwel'...

...xi drabi l-individwu:

- **jevita li joqgħod attent u jagħmel ħiltu jekk ma jarax rilevanza fit-tagħlim offrut**
- **jeħtieġ perjodi ta' waqfien mix-xogħol kull tant ħin, fejn jista' jinvolvi ruħu f'xi attività fiżika, bl-għan li jerġa' jpoġġi bil-kalma u jlesti x-xogħol mistenni**
- **jsib diffikultà jikteb fit-tul**
- **jiddejjaq jaħdem fi grupp**



# Konfluwenza

## oriġinalità, intwizzjoni u spontanjetà



L-individwu jkun jeħtieġ:

- **jara l-istampa sħiħa aktar milli l-partijiet ta' pjan**
- **opportunitajiet fejn jibda jaħdem mill-ewwel u jistaqsi għall-istruzzjonijiet wara**
- **spazju biex jesplora l-ideat uniċi u oriġinali tiegħu u jirriskja bihom**
- **opportunitajiet fejn jesprimi dak li jaf b'mod artistiku quddiem udjenza**



Ejjew nagħmlu xi ħaġa differenti!

Il-preżentazzjoni tagħna teħtieġ li tkun oriġinali…

Ejjew naħsbu f'xi ideat…

Għalfejn ma noħolqux xi kostumi bil-fjuri u wara nagħmlu reċta?

**L-ogħla skor ta' Christine hu fil-Konfluwenza.**

# Jekk il-Konfluwenza tkun 'Użata l-Ewwel'...

...xi drabi l-individwu:

- **jiddejjaq bir-ripetizzjoni u jħossu wisq maqbud fl-ideat ta' ħaddieħor**
- **jitlef faċilment l-interess f'dak li jkun qed jagħmel u jibda xogħol ieħor bla ma jlesti ta' qabel**
- **mingħajr pjan u bla ma juri l-metodu ta' ħidma mhux bilfors jasal għat-tweġiba t-tajba**
- **jkollu wisq ideat u jsib diffikultà jagħżel dik l-idea li kapaċi jaħdem l-aktar fuqha**



U INT?

Kif tippreferi titgħallem?

